

Brussell, 4 ta' Frar 2025
(OR. en)

5740/25
ADD 1
LIMITE
PV CONS 4
RELEX 111

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Barranin)
27 ta' Jannar 2025

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Ġrajjet kurrenti

Il-Kunsill indirizza s-sitwazzjoni fil-Georgia, il-Moldova u r-Repubblika Demokratika tal-Kongo.

4. L-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna¹

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar ir-rispons tal-UE fir-rigward tal-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

5. Is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani

Skambju ta' fehmiet

Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani, inkluż is-Sirja, il-Libanu u Gaża.

6. Relazzjonijiet UE-Stat Uniti

Skambju ta' fehmiet



Il-Kunsill kellu skambju ta' fehmiet dwar ir-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti.

7. Affarijiet oħra

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta minn Franza dwar l-Iran (dokument 5660/25) u min-Netherlands dwar il-Qorti Kriminali Internazzjonali (dokument 5657/25).



Punt ristrett

¹ Fil-preżenza tal-Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Ukrajna (permezz ta' vidjokonferenza)

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 5512/25 + COR 1

Dwar il-punt "A"
nru 6:

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MIR-RAPPREŻENTANT GĦOLI U MILL-KUMMISSJONI

"1. L-integrità tal-infrastruttura tal-enerġija li tforni lill-Istati Membri tal-UE hija kwistjoni ta' sigurtà tal-UE. Il-Kummissjoni tistenna li l-pajjiżi terzi kollha jirrispettaw dan il-fatt u tinsab lesta li tiegħu miżuri biex tipproteġi l-infrastruttura kritika tal-enerġija bħall-kejbils tal-elettriku u l-pipeline jew il-faċilitajiet taż-żejt u tal-gass.

2. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri tal-UE għadhom impenjati bis-sħiħ li jibqgħu jappoġġaw lill-Ukrajna u, f'dak il-kuntest, ser jgħinu biex isewwu, iqabbdu u jistabbilizzaw l-infrastruttura tal-enerġija tal-Ukrajna bir-rwol kruċjali tal-Istati Membri, fosthom l-Ungerija u s-Slovakkja. Il-Kummissjoni tinsab lesta li tkompli d-diskussjonijiet mal-Ukrajna dwar il-provvista lejn l-Ewropa permezz tas-sistema tal-pipelines tal-gass fl-Ukrajna f'konformità mal-obbligi internazzjonali tal-Ukrajna. F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni tinsab lesta li tassoċja lill-Ungerija fil-proċess (flimkien mas-Slovakkja). Il-Kummissjoni tfakkar fl-importanza tal-kooperazzjoni reġjonali u tilqa' l-impenn fil-kooperazzjoni reġjonali dwar il-Konnettività tal-Enerġija fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk (CESEC, Central and South-Eastern Europe Energy Connectivity) għat-tisħiħ tas-sistema tal-enerġija u tal-interkonnessjonijiet fir-reġjun.

3. Il-Kummissjoni ser tindirizza lill-Ukrajna biex titlob garanziji dwar l-issuktar tat-trasferimenti tal-pipelines taż-żejt lejn l-UE.

4. Il-COM tfakkar fir-RepowerEU u biħsiebha tippreżenta pjan direzzjonali biex tilħaq l-oġettivi li ftehmiet. F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni tinsab lesta li tappoġġa l-proġetti ta' diversifikazzjoni tal-Istati Membri."

Dwar il-punt "A"
nru 12:

Konklużjonijiet dwar il-prijoritajiet tal-UE fil-fora tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-2025
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-UNGHERIJA

"Paragrafi 8, 9

L-Ungerija tirrikonoxxi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dratt internazzjonali. Barra minn hekk, l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minquxa bħala valur fundamentali fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari fl-Artikolu 2 TUE u fl-Artikolu 8 TFUE. F'konformità ma' dan u mal-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta l-kunċett ta' "ġeneru" bħala referenza għal "sess" u l-kunċett ta' "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala referenza għall-"ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa".

Paragrafu 14

L-Ungerija tapprezza u tistma ħafna l-għaqda tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tappoġġa l-elaborazzjoni ta' pożizzjonijiet komuni tal-UE dwar kwistjonijiet internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż dwar il-kwistjonijiet riflessi fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Prijoritajiet tal-UE fil-Fora tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-2025.

Fl-istess ħin, nixtiequ nenfasizzaw li fid-dawl tal-avvenimenti u l-iżviluppi reċenti, il-formulazzjoni tal-paragrafu dwar Iżrael/it-territorji Palestinjani okkupati, li fil-bieċa l-kbira fih lingwaġġ żviluppat għal ċirkostanzi preċedenti, għandha tiġi riveduta għal negozjati futuri. Nixtiequ nenfasizzaw il-ħtieġa li jiġi fformulat lingwaġġ ġdid u li jħares 'il quddiem dwar il-kwistjonijiet koperti hawnhekk, peress li nqisu li l-elementi attwali huma antikwati fid-dawl tal-avvenimenti reċenti. Għalhekk, it-test tal-paragrafu msemmi hawn fuq ma għandux iservi bħala referenza għal xi dikjarazzjoni jew dokument futur dwar din il-kwistjoni.

Paragrafu 40

L-adozzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tal-Konferenza Internazzjonali dwar il-Popolazzjoni u l-Iżvilupp (ICPD) u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing tar-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa taw xhieda ta' kunsens eċċezzjonali. Dawn poġġew it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem fil-qalba tal-iżvilupp u minn meta ġew adottati saru kisbiet importanti fl-oqsma tas-saħħa, l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u l-edukazzjoni. Dawn l-oqsma huma fil-qalba tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli li jinkorporaw bħala prinċipji fundamentali r-rispett universali għad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità tal-bniedem, l-istat tad-dritt, il-ġustizzja, l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni.

L-Ungerija tibqa' żżomm l-impenji tagħha fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tan-nisa u l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. L-Ungerija turi impenn kbir rigward l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tal-ICPD u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing kif ukoll rigward l-Aġenda 2030, li jservu wkoll ta' referenzi bażiċi fl-oqsma tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet riproduttivi. L-Ungerija tinnota li t-terminu "saħħa u drittijiet sesswali u riproduttivi (SRHR)" u kwistjonijiet relatati, bħal "drittijiet sesswali", "edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità", "metodi moderni ta' kontraċezzjoni", "kontraċezzjoni ta' emerġenza", jonqoshom definizzjoni kunsenswali fil-livell internazzjonali, inkluż fl-Unjoni Ewropea. Dawn il-kwistjonijiet huma interpretati u promossi mill-Ungerija fil-kuntest tal-Aġenda 2030, il-Programm ta' Azzjoni tal-ICPD u d-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing u f'konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha."

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA, IL-BULGARIJA, IL-ĠERMANJA, IL-GREĊJA, L-IRLANDA, IN-NETHERLANDS, SPANJA U L-UNGERIJA

"L-Awstrija, il-Bulgarija, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, in-Netherlands, Spanja u l-Ungerija jilqgħu u jappoġġaw l-intenzjoni tal-UE li tiffirma Dikjarazzjoni Konġunta dwar is-Sħubija Strateġika u Komprensiva bejn l-UE u l-Ġordan, peress li l-Awstrija, il-Bulgarija, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, in-Netherlands, Spanja u l-Ungerija jqisuha urġenti li tiġi affermata mill-ġdid u approfondita s-sħubija mal-Ġordan matul dawn iż-żminijiet partikolarment volatili.

Madankollu, fuq livell proċedurali, l-Awstrija, il-Bulgarija, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, in-Netherlands, Spanja u l-Ungerija ma jaqblux bil-qawwa mal-ksur ripetut tal-proċedura. B'referenza għall-ittra mibgħuta f'Diċembru 2024 (dok. 16795/24), nappellaw lill-Kummissjoni biex tirrispetta l-arranġamenti dwar strumenti mhux vinkolanti. Bħal f'każijiet oħra qabel, ma ġiex rrispettat il-perjodu ta' ħames ġimgħat (minbarra każijiet ta' urġenza debitament ġustifikati) stabbilit f'dawk l-arranġamenti biex il-Kunsill jirrieżamina l-abbozz ta' dokument. Barra minn hekk, il-Kunsill ma rċevix biżżejjed żmien biex jivvaluta l-abbozz finali minn qabel biex jintalab jawtorizza l-iffirmar tiegħu matul is-sessjoni tal-Grupp ta' Ħidma MaMa tal-20.01.2025.

Barra minn hekk, l-Awstrija, il-Bulgarija, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, in-Netherlands, Spanja u l-Ungerija jitolbu li l-Istati Membri jinżammu infurmati mill-qrib dwar l-iżvilupp ta' pjan direzzjonali ta' implimentazzjoni għal din is-Sħubija Strateġika u Komprensiva kif ukoll dwar l-aspetti finanzjarji kollha li jirriżultaw minnha.

Bħala konklużjoni, l-Awstrija, il-Bulgarija, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, in-Netherlands, Spanja u l-Ungerija jenfasizzaw li, fi kwalunkwe każ u f'kull każ futur, ir-regoli u r-regolamenti proċedurali jridu jiġu rrispettati bis-sħiħ, filwaqt li jkunu lesti jiskużaw il-ksur proċedurali elenkat hawn fuq f'din l-istanza singolari għall-aħħar darba."